REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 499/2008

ta' l-4 ta' Ġunju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1501/95 u r-Regolament (KE) Nru 800/1999 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 167 u 170 flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 162 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 il-prodotti elenkati f'dak l-artikolu li se jiġu esportati bi jew mingħajr ipproċessar ulterjuri jistgħu jkunu eliġibbli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jekk jikkonformaw ma' kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 167 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 167(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jagħti l-possibbiltà lill-Kummissjoni li tistabbilixxi aktar kundizzjonijiet għall-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal prodott wieħed jew aktar. Dawk il-kundizzjonijiet huma attwalment stipulati fir-regolamenti tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-setturi elenkati fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Billi dawk ir-regolamenti ser jiġu revokati skond l-Artikolu 201 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet orizzontali minn mindu beda japplika r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 hekk kif provdut fl-Artikolu 204 ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli diġà fih dispożizzjonijiet orizzontali [3]. Huwa għalhekk xieraq li dak ir-regolament jiġi adattat sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 167(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Ir-regolamenti tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-setturi tat-tjur, tal-bajd, tal-laħam tal-majjal u tar-ross ippermettew l-eliġibbiltà għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti li ma joriġinawx fil-Komunità li jkunu ġew importati u sussegwentement esportati waqt li ma kienux ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [4]. Ir-rifużjonijiet f'dak il-każ huma limitati għad-dazji mħallsa fuq l-importazzjoni u barra minn hekk l-esportatur ried jipprova li l-prodotti impurtati u esportati huma l-istess. Billi l-applikazzjoni tar-regola hija tedjanti u ta' użu prattiku baxx ħafna, millat tas-simplifikazzjoni u ta' l-armonizzazzjoni ma għandhiex titħalla.

(4) L-oriġini Komunitarja bħala prerekwiżit għall-eliġibbiltà għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni hija garanzija importanti kontra l-abbuż tal-baġit Komunitarju. B'mod partikolari, dan għandu l-għan li jevita tibdil fid-direzzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni li ma jkollhom l-ebda għan kummerċjali relatat mat-tqegħid tal-prodotti fis-suq ta' l-UE, iżda li jkunu mmotivati biss mill-opportunità li jinġabru rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni meta din issehħ. Din il-garanzija hija stabbilita għaċ-ċereali, għar-ross, għaċ-ċanga u l-vitella, għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għal-laħam tal-majjal, għall-bajd u għal-laħam tat-tjur u għandha titħalla. Fl-interess ta' ħarsien kontinwu kontra l-abbuż tal-baġit Komunitarju, hemm bżonn ta' dispożizzjoni orizzontali li tkopri s-setturi kollha elenkati fl-Artikolu 162 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(5) Fir-rigward taz-zokkor, bi skop li jiġi organizzat il-fluss ta' provvisti lil raffinaturi madwar il-Komunità, ġie introdott arranġament preferenzjali speċjali għall-aċċess fis-suq tal-Komunità fl-organizzazzjonijiet suċċessivi tas-suq komuni għaz-zokkor, u dan ihalli l-industrija tar-raffinar timporta fuq termini speċjali ċerti kwantitajiet ta' zokkor tal-kannamieli mhux maħdum li joriġina fl-Istati ta' l-AKP li huma firmatarji għall-Protokoll Nru 3 ta' l-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija ta' l-AKP u l-KE u fl-Indja u fi Stati

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 361/2008 (ĠU L 121, 7.5.2008, p. 1).
[3] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 159/2008 (ĠU L 48, 22.2.2008, p. 19).
[4] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006.

oħra permezz tal-ftehimiet ma' dawk l-Istati. Dan l-arranġament preferenzjali għall-importazzjoni kien implimentat fi ħdan il-qafas ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor. Konsegwentement, l-Artikolu 27(12) b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1] ipprovda li r-rifużjonijiet kellhom jingħataw għall-prodotti importati skond dan l-arranġament. Skond dan l-istess approċċ, il-Kunsill iddeċieda li l-prova ta' l-oriġini Komunitarja ma kienx hemm bżonnha għall-eliġibbiltà għar-rifużjonijiet skond l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 [2]. Ir-rekwiżit ta' oriġini Komunitarja għalhekk ma għandux japplika għas-settur taz-zokkor.

(6) Wara t-tneħħija tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' xi prodotti, il-lista ta' prodotti li għalihom ir-rifużjonijiet iridu jkunu ffissati abbażi ta' ingredjent meta prodotti komposti jikkwalifikaw għal rifużjoni qsaret. Huwa għalhekk xieraq li nsemmu biss il-prodotti li jifdal f'dan ir-rigward.

(7) Ir-rekwiżit ta' l-oriġini Komunitarju fis-settur taċ-ċereali diġà kien stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali [3]. Minħabba raġunijiet ta' trasparenza u razzjonalizzazzjoni, dan ir-rekwiżit għandu jinbidel bid-dispożizzjoni orizzontali li tistabbilixxi r-rekwiżit ta' l-oriġini Komunitarja.

(8) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1501/95 u (KE) Nru 800/1999 għandhom għalhekk ikunu emendati skond dan.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 huwa mħassar.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 800/1999 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għad-derogi stabbiliti fir-regolamenti tal-Komunità speċifiċi għal ċerti prodotti, dan ir-Regolament jistipula regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'rifużjonijiet',:

(a) għall-prodotti tas-setturi msemmija fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*);

(b) ipprovduti fl-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 (**).

(2) L-Artikolu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. Għandhom jingħataw rifużjonijiet għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li, irrispettivament mis-sitwazzjoni doganali rigward l-ippakkjar, ikunu f'ċirkulazzjoni ħielsa u huma ta' oriġini Komunitarja.

Madankollu, għall-prodotti taz-zokkor imsemmija fl-Artikolu 162(1)(a)(iii) u fl-Artikolu 162(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jistgħu jingħataw rifużjonijiet biss meta dawn ikunu f'ċirkulazzjoni ħielsa.

2. Għall-għotja tar-rifużjoni, il-prodotti jitqiesu li huma ta' origini Komunitarja jekk ikunu ġew miksuba kompletament fil-Komunità jew jekk l-aħħar ipproċessar jew xogħol sostanzjali li jkun sar fuqhom ikun sar fil-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 jew 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Madankollu, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-prodotti miksuba minn dawn li ġejjin ma għandhomx jikkwalifikaw għal rifużjoni:

(a) materjali li joriġinaw fil-Komunità; u

[1] ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1. Ir-Regolament kif imħassar mir-Regolament (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).
[2] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 se jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 b'seħħ mill-1.10.2008.
[3] ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(**) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1."

(b) materjali agrikoli koperti mir-regolamenti msemmija fl-Artikolu 1 importati minn pajjiżi terzi li ma jkunux għaddew minn ipproċessar sostanzjali ġewwa l-Komunità.

3. Meta r-rifużjoni tingħata bil-kundizzjoni li l-prodott ikun oriġina fil-Komunità, l-esportaturi għandhom jiddikjaraw l-oriġini kif imfissra fil-paragrafu 2 bi qbil mar-regoli tal-Komunità fis-seħħ.

4. Meta jiġu esportati prodotti komposti li jikkwalifikaw għal rifużjoni fuq wieħed jew aktar mill-ingredjenti tagħhom, ir-rifużjonijiet fuq ta' l-aħħar għandhom jingħataw suġġetti għall-konformità tagħhom mal-kundizzjoni stipulata fil-paragrafu 1.

Ir-rifużjoni għandha tingħata wkoll meta l-ingredjent jew l-ingredjenti li fir-rigward tagħhom tintalab ir-rifużjoni jkunu oriġinarjament ta' oriġini Komunitarja u/jew fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa kif ipprovdut fil-paragrafu 1 iżda li ma jkunux aktar f'ċirkulazzjoni ħielsa unikament minħabba l-inkorporazzjoni tagħhom fi prodotti oħra.

5. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 4, ir-rifużjonijiet fuq l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu rifużjonijiet stabbiliti fuq il-bażi ta' ingredjent:

(a) prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tal-bajd, tar-ross, taz-zokkor, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, esportati fil-forma ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 (*);

(b) zokkor abjad u mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1701, isoglukożju li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10 u 1702 90 30 u ġuleppijiet tal-pitravi u tal-kannamiela li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1702 60 95 u 1702 90 95, użati fil-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96;

(ċ) ħalib u prodotti tal-ħalib u zokkor esportati fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0402 10 91 sa 99, 0402 29, 0402 99, 0403 10 31 sa 39, 0403 90 31 sa 39, 0403 90 61 sa 69, 0404 10 26 sa 38, 0404 10 72sa 84 u 0404 90 81 sa 89 u esportati fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0406 30 li mhumiex prodotti li joriġinaw fi Stati Membri jew prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi li huma f'ċirkulazzjoni ħielsa fl-Istati Membri.

(*) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, għandu japplika:

(a) mill-1 ta' Lulju 2008 fir-rigward tas-setturi taċ-ċereali, taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur;

(b) mill-1 ta' Settembru 2008 fir-rigward tas-settur tar-ross;

(ċ) mill-1 ta' Ottubru 2008 fir-rigward tas-settur taz-zokkor.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni